Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/288

19.1.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/288

tat-18 ta' Jannar 2024

dwar il-frekwenza tal-kontrolli fuq il-materjal tal-injam għall-imballaġġ li jintuża għall-ġarr, għall-protezzjoni jew għall-appoġġ ta' ċerti komoditajiet minn ċerti pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/127 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' materjal tal-injam għall-imballaġġ li jintuża għall-ġarr, għall-protezzjoni jew għall-appoġġ ta' ċerti komoditajiet minn ċerti pajjiżi terzi, u għall-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti fuq dak il-materjal, biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/127 jipprevedi rata ta' frekwenza minima ta' 15 % għall-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti fuq il-kunsinni tal-komoditajiet ikkonċernati. Dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni ma jibqax japplika mill-31 ta' Diċembru 2023.

(2) Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2125 ([4]) jistabbilixxi r-regoli dwar it-twettiq ta' kontrolli uffiċjali speċifiċi fuq il-materjal għall-ippakkjar mill-injam, in-notifika ta' ċerti kunsinni u miżuri li jeħtieġ jittieħdu f'każ ta' nonkonformità.

(3) Il-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti mwettqa mill-Istati Membri abbażi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/127 urew li fil-materjal tal-injam għall-imballaġġ li jintuża għat-trasport ta' ċerti komoditajiet li joriġinaw mill-Belarussja, miċ-Ċina u mill-Indja kien hemm ċerti pesti tal-kwarantina fl-Unjoni, jew li dak il-materjal ma kienx immarkat f'konformità mal-Istandards Internazzjonali.

(4) Peress li l-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti mwettqa fl-Istati Membri juru li r-riskju tal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pesti ħajjin ma naqasx, huwa meħtieġ li l-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti fuq il-materjal importat tal-injam għall-imballaġġ li jintuża għall-ġarr, għall-protezzjoni jew għall-appoġġ tal-komoditajiet ikkonċernati li joriġinaw mill-Belarussja, miċ-Ċina u mill-Indja jkomplu jitwettqu bl-istess rata bħal dik prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/127.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/127 tat-3 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' materjal ta' imballaġġ tal-injam għat-trasport ta' ċerti komoditajiet li joriġinaw minn ċerti pajjiżi terzi u għall-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti fuq tali materjal, u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1137 (ĠU L 40, 4.2.2021, p. 3).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2125 tal-10 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli dwar it-twettiq ta' kontrolli uffiċjali speċifiċi fuq il-materjal għall-ippakkjar mill-injam, in-notifika ta' ċerti kunsinni u miżuri li jeħtieġ jittieħdu f'każijiet ta' nonkonformità (ĠU L 321, 12.12.2019, p. 99).

(5) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika sal-31 ta' Diċembru 2026 biex jingħata żmien sabiex tiġi mmonitorjata s-sitwazzjoni u biex jiġi ddeterminat jekk il-konformità tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ li jintuża għall-ġarr, għall-protezzjoni jew għall-appoġġ tal-komoditajiet ikkonċernati li joriġinaw mill-Belarussja, miċ-Ċina u mill-Indja ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament (UE) 2016/2031 tjibitx.

(6) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe vojt ġuridiku u biex jiġi żgurat li l-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti jkomplu jitwettqu bl-istess rata bħal dik prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/127, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-frekwenza tal-kontrolli fuq il-materjal tal-injam għall-imballaġġ li jintuża għall-appoġġ, għall-protezzjoni jew għall-ġarr tal-komoditajiet speċifikati li jidħlu fl-Unjoni.

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-materjal tal-injam għall-imballaġġ li huwa soġġett għall-eżenzjonijiet previsti fl-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 – Regolamentazzjoni tal-Materjal tal-Injam għall-Imballaġġ fil-Kummerċ Internazzjonali (ISPM 15) ([5]).

Artikolu 2

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "komoditajiet speċifikati" tfisser komoditajiet li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) huma appoġġati jew protetti b'materjal tal-injam għall-imballaġġ, jew jinġarru fih;

(b) joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness;

(c) jaqgħu taħt wieħed mill-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (kodiċi NM) stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([6]), kif elenkati fl-Anness.

Artikolu 3

Rata ta' frekwenza tal-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti

Għall-fini tal-verifika tal-konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli tas-saħħa tal-pjanti fuq il-materjal tal-injam għall-imballaġġ li jintuża għall-appoġġ, għall-protezzjoni jew għall-ġarr tal-komoditajiet speċifikati li jidħlu fl-Unjoni, b'rata ta' mill-inqas 15 % tal-kunsinni tal-komoditajiet speċifikati.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2026.

([5]) L-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 – Regolamentazzjoni tal-Materjal tal-Injam għall-Imballaġġ fil-Kummerċ Internazzjonali (ISPM 15), kif ippubblikat fuq: https://www.ippc.int/en/core-activities/standards-setting/ispms/#614

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Jannar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Komoditajiet speċifikati, kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) jew kodiċijiet TARIC u l-pajjiż tal-oriġini kif imsemmija fl-Artikolu 2

Deskrizzjoni tal-komodità	Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) jew kodiċi TARIC	Pajjiż ta' oriġini
Lavanja, kemm jekk mirquma b'mod raff jew sempliċiment maqtugħa, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokok jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le	2514	Il-Belarussja, iċ-Ċina, l-Indja
Irħam, travertina, ecaussine u ġebel ieħor kalkarju għal monumenti jew għal bini ta' gravità speċifika fid-dieher ta' 2,5 jew iżjed, u alabastru, kemm jekk mirqum b'mod raff jew sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokok jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le	2515	Il-Belarussja, iċ-Ċina, l-Indja
Granit, porfirju, bażalt, blat ramli u ġebel ieħor għal monumenti jew għal bini, kemm jekk mirqum b'mod raff jew sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokok jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra) u kemm jekk le	2516	Il-Belarussja, iċ-Ċina, l-Indja
Qabs, fil-forma ta' zkuk, zkuk ħoxnin, friegħi, qatet jew forom simili; injam f'laqx jew partikuli; serratura u skart u laqx tal-injam, kemm jekk agglomerati fil-forma ta' zkuk, briquettes, pellets jew forom simili u kif ukoll jekk le	4401	Il-Belarussja, iċ-Ċina, l-Indja
Cases, kaxxi, ċestuni, ċilindri u kontenituri simili, tal-injam; rombli tal-kejbils, tal-injam; palits, palits b'kaxxa u boards oħrajn għat-tagħbija, tal-injam	4415	Il-Belarussja, iċ-Ċina, l-Indja
Ċangaturi tal-granit, għazez u ċangar, ta' ġebla naturali (ħlief lavanja)	6801	Il-Belarussja, iċ-Ċina, l-Indja
Ġebla monumentali jew għall-bini maħduma (ħlief lavanja) u oġġetti magħmula minnha, għajr oġġetti tal-intestatura 6801; kubi tal-mużajk u bħalhom, ta' ġebla naturali (inkluża lavanja), fuq rifda jew le; granijiet, laqx u trab, ta' ġebla naturali, b'kuluri artifiċjali (inkluża lavanja)	6802	Il-Belarussja, iċ-Ċina, l-Indja
Lavanja maħduma u oġġetti ta' lavanja jew ta' lavanja miġmuma	6803	Il-Belarussja, iċ-Ċina, l-Indja
Ċangaturi u madum taċ-ċeramika għall-pavimenti, madum għall-qigħan taċ-ċmieni jew għall-ħitan; kubi tal-mużajk taċ-ċeramika u bħalhom, fuq rifda jew le; ċeramiki tal-finitura	6907	Il-Belarussja, iċ-Ċina, l-Indja
Pjanċi, folji u strixxi tal-aluminju, eħxen minn 0,2 mm	7606	Il-Belarussja, iċ-Ċina, l-Indja